MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2015

Avviz Numru. 124/2015

**Carmelo Schembri, Mary Grace Borg u Emanuel Schembri lkoll bhala l-eredi ta' Giuseppe sive Joseph Schembri**

**Vs**

**Maria Grazia Cauchi, Ludwig Cauchi, Fiona Gatt u Charmaine Cauchi lkoll bhala eredi ta' Louis Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Carmelo Schembri, Mary Grace Borg u Emanuel Schembri fis-17 ta' April 2015 permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzahom jesegwixxu t-titolu ezekuttiv taghhom *qua* eredi tal-mejjet Giuseppe sive Joseph Schembri fil-konfront ta' Maria Grazia Cauchi, Ludwig Cauchi, Fiona Gatt u Charmaine Cauchi *qua* eredi tal-mejjet Louis Cauchi u dan taht dawk il-provvedimenti w ordnijiet li joghgobha tipprefiggi;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors markati Dok. "CS1" sa' Dok. "CS7" a fol. 6 sa' 22 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Maria Grazia Cauchi, Ludwig Cauchi, Fiona Gatt u Charmaine Cauchi permezz ta' liema jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti u jitolbu li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li: (i) ir-Rikorrenti jimpostaw it-talba taghhom fuq l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li fid-dawl tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kellhom jibbazaw it-talba taghhom fuq l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparte minn hekk ir-Rikorrenti ma gabux prova inekwivoka li huma l-unici eredi tal-mejjet Joseph Schembri, prova din mehtiega fid-dawl tal-fatt li Joseph Schembri miet intestat, guvni u minghajr axxendenti hajjin u

dixxendenti; (ii) ir-Rikors promotur huwa null stante li gie kkonfermat bil-gurament minn Carmelo Schembri biss u mhux mir-Rikorrenti kollha; (iii) l-ittra ufficjali pprezentata flimkien mar-Rikors promotur, liema ittra ufficjali kienet inharget kontra taghhom mir-Rikorrenti, hija nulla stante li r-Rikorrenti kellhom l-ewwel jottjenu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jesegwixxu t-titolu minnhom pretiz fil-konfront taghhom ai termini ta' l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta w imbaghad jghaddu biex jesegwixxu l-istess una volta koncessi tali permess. B'hekk, apparte l-fatt li l-imsemmija ittra ufficjali ghandha tigi ghal kollox skartata, huma ma ghandhomx ibaghtu spejjez inutili konnessi ma' tali ittra ufficjali; u stante li (iv) fil-mertu, id-debitu imsemmi fil-kuntratt datat 17 ta' April 1991 gie saldat tant illi bejn is-sena 1991 u s-sena 2013, meta miet Louis Cauchi, ma saru l-ebda interpellazzjonijiet ghall-hlas jew proceduri ghall-esekuzzjoni ta' tali titolu ezekuttiv. Ir-Rikorrenti ghalhekk ma ressqu l-ebda prova li t-titolu ezekuttiv formanti l-mertu ta' dawn il-proceduri ghadu jiswa;

Rat id-dokument anness mar-Risposta markat Dok. "A" a fol. 28 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti markati Dok. "CS1" u Dok. "CS2" permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Lulju 2015, a fol. 39 sa' 42 tal-process;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Anna Said, ir-Rikorrent Emanuel Schembri, ir-Rikorrenti Mary Grace Borg, l-intimata Maria Grazia Cauchi u l-intimata Charmaine Spiteri (neè Cauchi) ilkoll moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015;

Rat id-dokument, ossia kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard datat 17 ta' April 1991, esebit minn Anna Said waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 u markat Dok. "A"[1];

Rat it-talba avvanzata mir-Rikorrenti waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 sabiex ai termini ta' l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull fejn fir-Rikors promotur hemm referenza ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jizdied ukoll warajh "u Artikolu 259";

Rat l-opposizzjoni ta' l-Intimati ghal tali talba stante li din qed issir fi stadju finali tal-proceduri u cioè wara t-trattazzjoni u fiha nfisha hija korrezzjoni li tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni u ta' l-eccezzjonijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

[1] Fol. 45 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qed jitolbu l-awtorizzazzjoni sabiex ikunu jistghu jghaddu ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li huma *qua* eredi tal-mejjet Joseph Schembri ghandhom fil-konfront ta' l-Intimati *qua* eredi tal-mejjet Louis Cauchi, liema titolu ezekuttiv jikkonsisti f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard datat 17 ta' April 1991 bis-sahha ta' liema *inter alia* Louis Cauchi kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Joseph Schembri versu s-somma ta' Lm1,500, illum ekwivalenti ghal €3,494.06, oltre l-imghax legali bit-8% fis-sena dekoribbli mis-17 ta' April 1991, liema somma tirrapprezenta refuzjoni ta' flus moghtija in depozitu lil Louis Cauchi minn Joseph Schembri akkont tal-prezz ghax-xiri ta' blokk ta' flats fi Triq l-Iskal, Marsascala, mill-istess Joseph Schembri, stante li ghaddew iktar minn tlett snin mid-data tal-kuntratt imsemmi.

L-Intimati dritt jopponu t-talba tar-Rikorrenti a bazi tal-kontestazzjoni li l-proceduri odjern gew istitwiti a tenur ta' l-artikolu tal-Ligi zbaljat in kwantu fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fejn huma qed jipprocedu *qua* eredi ta' Joseph Schembri fil-konfront taghhom *qua* eredi ta' Louis Cauchi, il-procedura kellha tkun ibbazata fuq l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux fuq l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bhala fatt l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fis-subartikoli (1) u (4) jipprovdi li: *(1) Ir-rikors imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan* [ossia l-Artikolu 258] *hu dejjem mehtieg meta l-esekuzzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx ghadda z-zmien imsemmi fl-imsemmi artikolu* u *(4) L-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur, lill-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, fejn jitolbu lill-qorti sabiex jigi esegwit kull titolu ezekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada z-zmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan* [ossia l-Artikolu 258]. *Dan ir-rikors ghandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi: (a) ir-rikorrenti huma l-unici eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur; (b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u (c) il-persuni li tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi johrog car li meta titolu ezekuttiv irid jigi esegwit mill-kreditur kontra l-eredi tad-debitur **jew** mill-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur kontra d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, ghandha dejjem tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti indipendentement minn kemm seta' ghadda zmien o meno minn meta dak it-titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit. Fil-kaz ta' proceduri istitwiti mill-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur kontra d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, l-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekutiv tinghata biss kemm-il darba l-Qorti tkun sodisfatta li: (a) ir-Rikorrenti huma l-unici eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur; (b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li jkun

qed jintalab; u (c) il-persuni fil-konfront ta' liema tkun qed tintalab l-esekuzzjoni jkunu d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu.

Ghalhekk l-element fondamentali f'sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn l-eredi tal-kreditur defunt iridu jesegwixxu titolu ezekuttiv ta' l-awtur taghhom fil-konfront ta' l-eredi tad-debitur huwa, mhux tant l-identifikazzjoni ta' l-artikolu tal-Ligi per se fir-Rikors li jigi intavolat imma proprio li l-eredi tal-kreditur effettivament jitolbu u jottjenu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv qabel ma jipprocedu bl-istess.

B'dana l-Qorti trid tfisser li kemm-il darba l-proceduri istitwiti mir-Rikorrenti effettivament jinkwadraw f'dak provdut fl-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-fatt li fir-Rikors promotur indikaw biss l-Artikolu 258 tal-Kap.12 ghaliex fil-fehma taghhom hemm il-kwistjoni ulterjuri tat-trapass ta' iktar minn tlett snin mid-data tal-kuntratt mertu tal-proceduri, ma jfissirx li l-Qorti ghandha b'mod awtomatiku tichad it-talba taghhom.

Minn ezami tar-Rikors promotur jirrizulta li r-Rikorrenti, ghad illi jiffukaw ukoll fuq il-fatt li skonthom ghaddew iktar minn tlett snin mid-data tal-kuntratt in kwistjoni u ghalhekk jinvokaw l-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in sostenn tat-talba taghhom ghall-awtorizzazzjoni ghall-esekuzzjoni ta' tali titolu ezekuttiv fil-konfront ta' l-Intimati, jesponu b'mod car li: (i) il-kreditur Joseph Schembri illum huwa mejjet; (ii) huma l-unici eredi tieghu; (iii) id-debitur Louis Cauchi illum huwa mejjet ukoll; u li (iv) l-Intimati huma l-unici eredi tieghu. Apparte minn hekk, ressqu diversi dokumenti fir-rigward u in sostenn ta' dawn l-affermazzjonijiet. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk minn dan johrog car li ghalkemm fir-Rikors taghhom ir-Rikorrenti ma jiccitawx l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod specifiku, huma ben konsapevoli tal-fatt li *qua* eredi tal-kreditur Joseph Schembri wkoll jehtiegu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jipprocedu ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni, iktar u iktar meta jridu hekk jipprocedu fil-konfront ta' l-eredi ta' debitur in kwantu dan ta' l-ahhar mejjet ukoll.

In vista tal-kontestazzjoni sollevata mill-Intimati fir-rigward tan-natura ta' l-azzjoni jew ahjar proceduri istitwiti minnhom waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 ir-Rikorrenti talbu sabiex a tenur ta' l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta kull fejn fir-Rikors promotur hemm referenza ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jizdiedu l-kliem "u l-Artikolu 259". L-Intimati però jopponu ghal din it-talba stante li: (i) saret fl-istadju finali tal-proceduri, senjatament wara t-trattazzjoni orali; u (ii) il-korrezzjoni mitluba tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni u ta' l-eccezzjonijiet.

L-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – li huwa l-artikolu li japplika ghall-qrati ta' prim' istanza – jipprovdi li *l-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza,*

*qabel is-sentenza*[2]*, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt*[3] *ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza*[4].

Dwar dan l-artikolu tal-Ligi l-Qrati nostrali jipprovdu li *dan l-artikolu jidher li ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validità ta' l-atti gudizzjarji u b'hekk jwarrab il-possibilità ta' moltiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni tan-nullità ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wisghin hafna lill-qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-att. Din id-diskrezzjoni, inoltre tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull "sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza lazzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."*[5]

Minn qari ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi jirrizulta immedjatament car li l-fatt li r-Rikorrenti ressqu t-talba ghaz-zieda tal-kliem "u Artikolu 259" wara kull referenza fir-Rikors promotur ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju finali ta' dawn il-proceduri ma jikkostitwix raguni in bazi ghal liema t-talba taghhom ghandha tigi michuda stante li zieda jew korrezzjoni tista' tintalab u tigi awtorizzata f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza. L-element determinanti ghall-akkoljiment o meno tat-talba tar-Rikorrenti huwa jekk iz-zieda minnhom mitluba tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza.

In kwantu rigwarda l-kwistjoni jekk it-talba tar-Rikorrenti ghaz-zieda tar-referenza ghall-Artikolu 259 kull fejn fir-Rikors promotur hemm referenza ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezjonijiet fuq il-mertu tal-kawza, il-Qorti hi tal-fehma li z-zieda mitluba ma tbiddilx fis-sustanza la l-azzjoni u lanqas il-kontestazzjonijiet sollevati mill-Intimati ghat-talba tar-Rikorrenti.

Huwa inkontestat li r-Rikorrenti jehtiegu jottjenu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jghaddu ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv in kwistjoni fil-konfront ta' l-Intimati, talba li huma gia avvanzaw bir-Rikors promotur kif formulat. B'hekk biz-zieda fir-Rikors promotur tar-referenza ghall-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li wkoll jittratta dwar il-procedura ghall-

---

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Sottolinear tal-Qorti.
[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, Appell Civili 55/89, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2004.

awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv, is-sustanza tat-talba tar-Rikorrenti mhux se tinbidel ghaliex it-talba dejjem se tbiqa ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Jekk imbaghad ir-Rikorrenti jirnexxilhomx jippruvaw l-estremi mehtiega biex jottjenu tali awtorizzazzjoni hija kwistjoni ohra u ghal kollox indipendenti miz-zieda mitluba.

In kwantu rigwarda s-sustanza tal-kontestazzjonijiet/eccezzjonijiet sollevati mill-Intimati, huwa evidenti li fir-Risposta taghhom l-Intimati jattakkaw il-proceduri tar-Rikorrenti minn diversi aspetti kemm procedurali kif ukoll fil-meritu. In effetti apparte l-kwistjoni ta' l-impostazzjoni tal-proceduri odjerni fuq l-artikolu tal-ligi zbaljat, l-Intimati jikkontendu wkoll li: (i) ir-Rikorrenti ma irnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti li huma l-unici eredi ta' Joseph Schembri, element mehtieg a tenur ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) li l-proceduri huma fi kwalunkwe kaz nulli ghaliex ir-Rikors ma giex igguramentat mir-Rikorrenti kollha izda minn Carmelo Schembri biss; (iii) li l-ittra ufficjali mibghuta lilhom mir-Rikorrenti hija nulla; u li (iv) fil-meritu r-Rikorrenti ma rnexxilhomx jistabilixxu li t-titolu ezekuttiv minnhom vantat ghadu jiswa, element dan ukoll mehtieg a tenur ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk huwa evidenti li fid-dawl tal-kontestazzjonijiet ferm ampji u varjati sollevati mill-Intimati ghat-talba tar-Rikorrenti, iz-zieda fir-Rikors promotur tar-referenza ghall-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, se tbiddel is-sustanza tal-kontestazzjonijiet minnhom hekk sollevat.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti tqis li z-zieda mitluba mir-Rikorrenti ghandha tigi awtorizzata.

Kif appena osservat fir-Risposta taghhom l-Intimati jikkontendu li r-Rikorrenti ma ressqux prova sodisfacenti jew fi kliemhom stess *prova inekwivoka,* li huma tassew l-unici eredi ta' Joseph Schembri llum mejjet, prova skonthom *mehtiega peress li kif jirrizulta minn dak li ppremettew ir-rikorrenti fir-rikors, l-imsemmi Joseph Schembri miet guvni u minghajr axxendenti hajjin u dixxendenti. Ic-certifikat tal-mewt u l-causa mortis annessa mar-rikors ma jikkostitwixxux prova sufficjenti kif trid il-ligi li huma l-werrieta ta' Joseph Schembri. Ma giex provdut almenu arblu tar-razza, ricerki kif imiss u lanqas ma nafu jekk saretx apertura tas-successjoni skond il-ligi*[6].

Wara li kkunsidrat id-dokumenti prodotti mir-Rikorrenti, senjatament id-dokumenti Dok. "CS1" u Dok. "CS2" – certifikat tal-mewt ta' Giuseppe sive Joseph Schembri u Dikjarazzjoni Causa Mortis ta' Giuseppe sive Joseph Schembri annessi mar-Rikors promotur, u d-dokumenti Dok. "CS1" u Dok. "CS2" ricerki testamentarji ta' Giuseppe sive Joseph Schembri fir-Registru Pubbliku u ricerki testmenti sigrieti ta' Giuseppe sive Joseph Schembri esebiti

[6] Risposta ta' l-Intimati, fol. 24 u 25 tal-process.

permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Lulju 2015, **u** l-Artikoli 788, 789, 790, 792, 793, 812, 813 u 831 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li r-Rikorrenti irnexxielhom jippruvaw b'mod sodisfacenti li huma l-unici eredi ta' Giuseppe sive Joseph Schembri.

Mic-certifikat tal-mewt ta' Giuseppe Schembri, bin Francesco Schembri u Maria Assunta neè Vella, jirrizulta b'mod car li huwa miet guvni u mid-Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara datata 16 ta' Awwissu 2000, liema Dikjarazzjoni ma giet kontradetta jew attakkata bl-ebda mod, jirrizulta li r-Rikorrent Carmelo Schembri, ukoll bin Francesco Schembri u Maria Assunta neè Vella, huwa hu Giuseppe Schembri u li r-Rikorrenti Emanuel Schembri u Mary Grace Borg huma wlied Saviour Schembri li wkoll kien hu Giuseppe Schembri.

Meta dawn il-fatti jigu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti tal-Ligi iktar 'l fuq citati u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji ghall-istess, jirrizulta b'mod car li, kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Intimati, ir-Rikorrenti effettivament huma l-unici eredi ta' Joseph Schembri.

L-Intimati jikkontendu wkoll li l-proceduri istitwiti mir-Rikorrenti huma nulli stante li r-Rikors ma giex igguramentat kif imiss, ossia ma giex igguramentat mit-tlett Rikorrenti izda minn Carmelo Schembri biss li, addirittura igguramentah fl-20 ta' April 2015 u cioè tlett iniem wara li l-istess Rikors gie ipprezentat. Huma jsostnu li ladarba l-artikoli tal-Ligi relattivi ghall-proceduri in ezami, ossia l-Artikoli 258 u 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jippermettux li Rikors ipprezentat minn diversi kredituri jew eredi, cessjonarji jew successuri ta' kreditur jigi gguramentat minn wiehed minnhom biss, hekk kif inhu l-kaz ghar-Rikors Guramentat u Risposta Guramentata ipprezentati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili skond l-Artikoli 156(5) u 158(3)(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, allura tali Rikors necessarjament u *ad validitatem* ghandu jigi gguramentat mir-Rikorrenti kollha u fin-nuqqas il-proceduri ghandhom jigu dikjarati nulli.

Wara li ezaminat l-atti tal-kaz in ezami u l-Artikoli 258 u 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li din il-kontestazzjoni ta' l-Intimati wkoll ma hijiex gustifikata u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

B'differenza ghall-atti li bihom jigu istitwiti jew kontestati kawzi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fejn il-legislatur specifikatament jghid li dawn iridu ikunu guramentati, tant illi fl-Artikolu 156 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta insibu referenza ghal Rikors Guramentat u fl-Artikolu 158 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi nsibu referenza ghal Risposta Guramentata, fil-kaz ta' Rikors ghat-tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ipprezentat a tenur ta' l-Artikolu 258 jew l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta skond il-kaz, ma huwiex ir-Rikors per se li jrid ikun guramentat, tant illi l-Ligi tghid *l-esekuzzjoni tista' ssir biss* <u>*wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti,*</u> izda r-Rikorrent irid <u>*jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn*</u>

*jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut*.

Peress illi fil-prattika, u dan anke fid-dawl tan-natura tal-proceduri in kwistjoni kif imfissra u rikonoxxuta mill-Qrati nostrali[7], Rikors ipprezentat a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta generalment ma jigix appuntat ghas-smigh, partikolarment meta ma jkunx hemm kontestazzjoni da parte tad-debitur intimat, hija l-prassi li l-gurament rikjest bil-Ligi jittiehed mal-prezentata tar-Rikors. Ghalkemm din hija l-prassi normali fil-fehma tal-Qorti ladarba l-Ligi ma titlobx il-prezentata ta' Rikors guramentat izda tesigi li il-kreditur rikorrent jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu ghadu dovut, fil-kaz in ezami – fejn ir-Rikors in kwistjoni gie appuntat ghas-smigh – dan ir-rekwizit tal-ligi gie sodisfatt da parte tar-Rikorrenti Emanuel Schembri u Mary Grace Borg ukoll meta xehedu bil-gurament dwar il-kreditu minnhom pretiz waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015.

Apparte dan appena osservat u bla pregudizzju ghall-istess, il-Qorti zzid li fil-kaz ta' rikors ipprezentat mill-eredi, cessjonarji jew successuri tal-kreditur kontra d-debitur jew l-eredi, cessjonarji jew successuri tieghu a tenur ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Ligi ma hijiex affattu cara dwar jekk f'tali cirkostanza huwiex mehtieg il-gurament imsemmi fl-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mehtieg fil-kaz ta' Rikors ipprezentat mill-kreditur kontra l-werrieta tad-debitur tenur ta' l-Artikolu 259(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *l-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kredituri jistghu jaghmlu rikors li jigi notifikat lid-debitur, lill-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu, fejn jitlob lill-qorti sabiex jigi esegwit kull titolu ezekuttiv f'isem il-kreditur ukoll jekk ma jkunx skada z-zmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan. Dan ir-rikors ghandu jintlaqa' mill-qorti jekk din tkun sodisfatta illi: (a) ir-rikorrenti huma l-unici eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur; (b) it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa dwar dak li jkun qed jintalab; u (c) il-persuni li tkun qed tintalab l-ezekuzzjoni kontrihom ikunu d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu.*

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu appena osservat il-Qorti tirribadixxi li l-pretensjoni ta' l-Intimati li r-Rikors ipprezentat mir-Rikorrenti huwa null in kwantu ma giex igguramentat kif mehtieg fil-Ligi, ma hijiex gustifikata u b'hekk ma tisthoqqx li tigi milqugha.

L-Intimati jikkontestaw ukoll l-ittra ufficjali mahruga kontra taghhom mir-Rikorrenti u li giet ipprezentata flimkien mar-Rikors promotur u jikkontendu

[7] Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rik. Nru. 2694/99 moghti fit-18 ta' April 2002, osservat illi l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment ta' l-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza ta' l-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess Rikors jigi appuntat ghas-smigh.

li l-istess saret inutilment u hija nulla. Il-kontestazzjoni ta' l-Intimati firrigward hija s-segwenti: *l-ittra ufficjali li l-atturi semmew fir-rikors taghhom saret inutilment u hija nulla stante li ai termini ta' l-Art. 259 tal-Kap.12, it-tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv meta d-debitur hu mejjet trid issir wara permess specjali moghti b'rikors. L-istess jghodd ghal meta titolu ezekuttiv ikun ghalaq zmienu fejn allura jrid isir rikors ai termini ta' l-Art. 258 tal-Kap.12. Ghalhekk l-intimazzjoni li jirreferu ghaliha l-atturi hija wahda irrita u nulla peress li ma segwietx il-procedura appozita u m'ghandhiex validità fil-konfront ta' l-esponenti konformement mad-duttira quod nullum est, nullum producit effectum anke ai termini ta' l-Art.98 tal-Kap.12. Illi kif irriteniet l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tat-30 ta' Mejju 2002 dwar ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv wara l-mewt tat-titolari u cioè fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Muscat v. Mudesta Borg et": "Il-persuna jew persuni li kellhom jidhru kellhom ikunu semmai l-werrieta taghha u dan biss wara li tigi segwita l-procedura fuq indikata fl-artikolu 259(4) tal-Kap.12". Illi jsegwi ghalhekk li r-rikorrenti ma mxewx mal-procedura stabbilita meta l-ewwel innotifikaw l-ittra ufficjali minghajr ma talbu permess ai termini ta' l-Art. 258 u 259 tal-Kap.12 u imbaghad ghaddew sabiex jaghmlu tali rikors (anzi nofs rikors) ex post facto. Konsegwentement l-esponenti m'ghandhomx ibatu spejjez inutili ta' l-ittra ufficjali imsemmija fir-rikors li fi kwalunkwe kaz ghandha tigi skaratat in kwantu ma gietx preceduta b'rikors kif trid il-Ligi*[8].

Fil-fehma tal-Qorti però din il-kontestazzjoni ta' l-Intimati hija ghalkollox guridikament ingustifikata u b'hekk ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Il-proceduri kontemplati fl-Artikoli 258 u 259(1) u (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta huma proceduri intizi **ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv wara li jkun ghalaq it-terminu prefiss fil-Ligi** – Artikolu 258 tal-Kap.12 u **ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv meta d-debitur huwa mejjet** – Artikolu 259(1) tal-Kap.12 – **jew meta l-kreditur huwa mejjet** – Artikolu 259(4) tal-Kap.12. B'hekk huwa evidenti li l-awtorizzazzjoni hemm prevista hija mehtieg biss **ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv u mhux biex dak it-titolu ezekuttiv** – li ma huwiex sentenza – **jigi rez esegwibbli.** In effetti sabiex kreditur jew inkella l-eredi, successuri jew cessjonarji tal-kreditur skond il-kaz, jirrendi t-titolu ezekuttiv tieghu (li ma huwiex sentenza) kontra d-debitur jew l-eredi, successuri jew cessjonarji tieghu skont il-kaz, esegwibbli, il-procedura li ghandha tigi segwita f'kull kaz hija dik kontemplata fl-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi: *l-esekuzzjoni ta' kull titolu ezekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.* Huwa biss wara li ssir tali interpellazzjoni u b'hekk it-titolu ezekuttiv in kwistjoni jigi rez esegwibbli li, fic-cirkostanzi kongruwi, ghandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex dak it-titolu effettivament jigi esegwit.

[8] Risposta ta' l-Intimati, fol. 26 tal-process.

Li din hija n-natura tal-proceduri kontemplati fl-Artikolu 258 u anke fl-Artikolu 259(1) u (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta johrog car mid-decizjoni fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rik. Nru. 2694/99** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' April 2002.

F'dawk il-proceduri l-Bank talab li jigi awtorizzat jipprocedi ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mid-data ta' l-ittra ufficjali interpellatorja pprezentata fil-konfront ta' l-Intimati f'dawk il-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-prezentata ta' dawk l-istess proceduri, kien lahaq iddekorra t-terminu prefiss fil-Ligi ghall-esekuzzjoni tat-titolu in kwistjoni. F'dik is-sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *l-unika ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment ta' l-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhha dwar l-esistenza ta' l-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smigh. … Illi f'dawn il-proceduri ma hemm l-ebda dubju li dan ir-rikorrenti rnexxielu jaghmlu, peress li hemm l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv skond l-Artikolu 253(b) tal-Kap.16* [recte: Kap.12] *konsistenti fil-kuntratt pubbliku datat 26 ta' Novembru 1987 … pubblikat min-Nutar Carmelo Mangion fejn l-istess intimat irrikonoxxa ruhu bhala veru cert u likwidu debitur verso s-socjetà attrici fl-ammont ta' Lm44,513.93,3 skond l-artikolu sitta (b) ta' l-istess kuntratt u l-imghax li kellu jiddekorri fuq l-istess ammont kien dak massimu permissibbli skond il-ligi, ikkalkolat skond 'recognised banking practice" u b'effett mill-21 ta' Settembru 1981; <u>hemm ukoll l-ezistenza ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1992 li rrendiet ezekuttiv l-istess kuntratt pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 256(2)</u>[9] u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-awtorizzazzjoni rikjesta ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 ghandha tigi milqugha, anke ghaliex ma hemmx dubju li parti mill-istess kreditu jew somma kapitali ghadha dovuta kif jidher mir-rikors guramentat mill-P.L. Adrian Borg ghan-nom ta' l-istess rikorrenti prezentat fl-14 ta' Dicembru 1999.*

Ghalkemm l-osservazzjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija decizjoni saru fil-kuntest tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, dak hemm osservat japplika bl-istess mod ghall-procedura kontemplata fl-Artikolu 259 (1) u (4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti zzid tosserva li s-sentenza citata mill-Intimati fir-Risposta taghhom li l-okkju korrett taghha huwa "Joseph Muscat v. Georgina Saydon et" Citaz. Nru. 2305/96DS deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002, in verità ma hijiex rilevanti ghall-argument minnhom sollevat fir-rigward ta' l-

[9] Sottolinear tal-Qorti.

allegata nullità ta' l-ittra ufficjali mibghuta lilhom mir-Rikorrenti. In effetti dawk il-proceduri gew istitwiti in segwitu ghall-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament li a tenur ta' l-Artikolu 273(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa wiehed mill-atti esekuttivi previsiti fil-Ligi nostrali u gew istitwiti l-iktar ghaliex l-imsemmi Mandat inhareg wara l-mewt ta' Mudesta Borg – li kienet id-dententrici originali tat-titolu ezekuttiv fil-konfront ta' Joseph Muscat – minghajr ma l-eredi taghha talbu ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ai termini tal-Ligi. Imkien minn dawk il-proceduri ma jirrizulta li interpellazzjoni giudizzjarja li tipprecedi l-esekuzzjoni effettiva ta' titolu ezekuttiv vantat tista' ssir biss wara li l-eredi tal-kreditur originali jottjenu l-awtorizzazzjoni ghal tali skop mill-Qorti kompetenti.

Apparte li jikkontestaw il-proceduri istitwiti kontra taghhom mir-Rikorrenti mil-lat procedurali, l-Intimati jikkontestaw it-talba tar-Rikorrenti fil-mertu ukoll u jikkontendu li *kif l-esponenti infurmaw lir-rikorrenti fl-ittra taghhom ta' l-4 ta' Awwissu 2014, id-debitu imsemmi fil-kuntratt tas-17 ta' April ta' l-1991 gie saldat. Tant hu hekk illi bejn is-sena 1991 meta sar il-kuntratt sal-mewt ta' Louis Cauchi fl-2013 ma saru l-ebda intimazzjonijiet jew proceduri ghat-tmexxija ghall-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv. Dwar dan saret ricerka anke fir-registru tal-qrati u rrizultat fin-negattiv. Illi bir-rispett kollu, ir-rikorrenti ma gabu l-ebda prova li turi li t-titolu ezekuttiv li dwaru nbdew dawn il-proceduri ghadu jiswa, minkejja li ghandhom l-oneru tal-prova fuqhom ai termini ta' l-artikolu 562 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li "Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Illi mhuwiex jinghad illi r-rikorrenti ghandhom jaghmlu xi prova straordinarja dwar il-kreditu pretiz, imma ta' l-anqas ghandhom jippruvaw li t-titolu ezekuttiv ghadu jiswa peress li d-debitu ghadu dovut. Wiehed irid iqis li hawn si tratta ta' kaz fejn allegati eredi qeghdin jippretendu li ghax f'kuntratt tal-1991 jissemma' debitu huma ghandhom jedd jesiguh minghajr ma jqisu li fil-mori ta' dan il-perijodu z-zewg partijiet mejtin kienu temmew l-obbligazzjoni bejniethom. Il-fatt li l-iskrizzjoni ipotekarja ma gietx ikkancellata ma tfissirx li d-debitu ma thallasx u dan il-fatt certament ma ghandux jintuza sabiex wiehed japprofitta ruhu. Illi huwa sinifikattiv li meta l-esponenti irribattew l-ittra bonarja billi qalu li d-debitu kien saldat, ir-rikorrenti ma fittxewx aktar u dlonk irrikorrew ghall-proceduri bil-ghan car li jottjenu provvediment ai termini ta' l-Art.258 (fejn ir-rekwiziti huma anqas oneruzi minn dawk ta' l-Art. 259) tal-Kap.12 imbaghad ikollhom il-barka biex jesegwixxu kontra l-esponenti li da parti taghhom ikollhom a double hurdle biex iregghu tali provvediment*[10].

In sostenn ta' tali kontestazzjoni taghhom waqt it-trattazzjoni finali l-Intimati invokaw il-provvediment ta' l-Artikolu 1161(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta,

[10] Risposta ta' l-Intimati, fol. 27 tal-process.

li skonthom jipprovdi li jekk talba ghall-hlas issir wara l-mewt tad-debitur id-dejn in kwistjoni ghandu jitqies imhallas.

Wara li ezaminat dak provdut fl-Artikolu 1161 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li din il-pretensjoni ta' l-Intimati hija ghal kollox guridikament zbaljata u b'hekk ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Jibda biex jigi osservat li l-Artikolu 1161(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jinqara u jigi applikat separatament mis-subartikolu (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, kif pretiz mill-Intimati u dan ghar-raguni li mit-test tal-ligi jirrizulta immedjatament car li s-subartikolu (a) u (b) ta' l-Artikolu 1161 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jinqraw, jigu kkunsirati u b'hekk appplikati flimkien. In effetti l-Artikolu 1161 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *hekk ukoll id-dejn jitqies li gie mhallas jekk – (a) il-partijiet ikunu ghamlu bejniethom kontijiet generali ta' dak li l-parti l-wahda kellha taghti lill-ohrajn ghall-anqas tliet darbiet wara li jaghlaq id-dejn, minghajr ma semmew xejn dak id-dejn jew minghajr ma ghamlu ebda rizerva ghalih;* ***u*** *(b) it-talba dwar dan id-dejn issir wara l-mewt tad-debitur, jew wara zmien ta' mhux anqas minn tliet snin minn dakinhar tar-ricevuta ta' l-ahhar kont generali.*

Minn dan jidher car li l-provvediment ta' l-Artikolu 1161 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami ghaliex, jigi ribadit, il-Qorti ma tistax tapplika s-subartikolu (b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi b'mod isolat kif pretiz mill-Intimati izda tista' tapplikah biss flimkien ma' dak provdut fis-subartikolu (a) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi u f'cirkostanza li tirrispekkja dak hemm provdut, cirkostanza li fil-kaz in ezami ma tirrizultax in kwantu ma jirrizultax li l-partijiet jew l-awturi taghhom ghamlu bejniethom kontijiet generali ta' dak li l-parti l-wahda kellha taghti lill-ohrajn ghall-anqas tliet darbiet wara li jaghlaq id-dejn, minghajr ma semmew xejn dak id-dejn jew minghajr ma ghamlu ebda rizerva ghalih – li hija c-cirkostanza inizjali mehtiega sabiex dak provdut fis-subartikolu (b) ta' l-Artikolu 1161 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jkun jista' japplika.

Bhala prova kardinali li t-titolu ezekuttiv minnhom vantat ghadu jiswa r-Rikorrenti esebew – tramite x-xhud Anna Said – kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard datat 17 ta' April 1991, bejn Louis Cauchi u Joseph Schembri, l-awturi tal-partijiet odjerni, bis-sahha ta' liema *inter alia* Louis Cauchi ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur ta' Joseph Schembri fl-ammont ta' Lm1,500, illum ekwivalenti ghal €3,494.06, oltre l-imghax legali bit-8% fis-sena dekoribbli mis-17 ta' April 1991 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema somma gie dikjarat li tirrapprezenta refuzjoni ta' flus moghtija in depozitu lil Louis Cauchi minn Joseph Schembri akkont tal-prezz ghax-xiri ta' blokk ta' flats fi Triq l-Iskal, Marsascala, mill-istess Joseph Schembri. Il-hlas puntwali ta' l-imsemmi dejn gie kkawtelat b'ipoteka generali fuq il-beni kollha ta' Louis Cauchi u b'ipoteka specjali fuq il-fond Nru.48 qabel Nru. 47 maqsum f'zewg postijiet, cioè l-fond Nru. 48 u l-fond "St. Joseph"

f'Carmel Street, Fgura, bil-gardina annessa mieghu sas-somma ta' Lm1,500. Ghandu jinghad li dan il-kuntratt jirrizulta li ghadu validu in kwantu ma jirrizultax li gie b'xi mod impunjat izda l-Intimati semplicement jghidu li d-dejn hemm ikkreat gie saldat.

Ghalkemm l-Intimati jallegaw il-pagament tad-dejn ta' Louis Cauchi versu Joseph Schembri, huma ma ressqu l-ebda prova sodisfacenti fir-rigward. Huma bbazaw il-posizzjoni taghhom fuq dak dispost fl-Artikolu 1161(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi kif già osservat iktar 'l fuq ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami. Lanqas meta xehedu l-Intimati Maria Grazia Cauchi, mart Louis Cauchi, u Charmaine Spiteri, bint Maria Grazia Cauchi u Louis Cauchi, ma giet prodotta xi prova tal-pagament, anzi kull ma irrizulta mix-xhieda taghhom, moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Lulju 2015, hu li ma jafu xejn dwar dan id-dejn wisq inqas dwar l-allegat hlas ta' l-istess. In effetti ghall-mistoqisja *ir-ragel lilek qatt semmielek xi haga dwar dan id-dejn?* Maria Grazia Cauchi irrispondiet *le, xejn dejjem wahdu kien jghaffeg* u ghall-mistoqsija *Louis kien izomm records dwar dan id-dejn?* Maria Grazia Cauchi irrispondiet *qatt ma qalli xejn*. Ghall-mistoqsija tal-Qorti *fir-rigward ta' Schembri x'kienet is-sitwazzjoni? Fir-rigward ta' ommok qed tghid li ommok thallset, all right fair enough u frankament lanqas hija mertu tal-kawza, fir-rigward ta' Joseph Schembri dwar dawn il-flus li llum qed jintalbu minghandkom, x'taf tghidli?* Maria Grazia Cauchi irrispondiet *qas naf b'xejn jiena ghax meta rcevejt il-karta ghedt dan x'inhu, Lm1,500 imbaghad ghedt lit-tfal u ghedt ahjar inekllem avukat ghax la ma nifhimx hux. Qabel kollox wadhu kien jaghmel hu* u ghall-mistoqsijiet ulterjuri tal-Qorti *jigifieri inti qed tghid li la lilek hadd ma qallek xejn, id-dejn ma jezistix? Jigifieri l-kuntratt ma jiswa xejn? U jigifieri ghalik dak il-kuntratt li hemm, li gie esebit ma jiswa xejn?* Maria Grazia Cauchi irrispondiet *heq jiena ghalija. Jiena ghedt din kif inqalghet* u *l-kitba issa hux, jiena naf.*

Bl-istess mod Charmaine Spiteri ghall-mistoqsija *qatt sar xi diskors maghhom dwar xi negozju li kien sar bejn Schembri u missierek?* irrispondiet *sa fejn naf jiena naf li darba kien bieghhlu garaxx imma l-bqija xejn u minn dakinhar 'l hawn xejn aktar imma kont zghira u ma naf xejn aktar* u ghall-mistoqsija tal-Qorti *intom qed tenfasizzaw hafna fuq il-fatt ghax damu biex gew, xi tridu tghiduli biha din il-fatt li damu biex gew?* Charmaine Spiteri irrispondiet *ghaliex stennew lil missieri ezatt imut, forsi kienu rrangaw xi haga bejniethom li rrangaw bhal ma nafux ahna, thallsu u forsi ma nistghu nghidu xejn ghax ma nafux. Sorry ghax qed nghid hekk imma ghaddew tlieta u ghoxrin sena, taghhom ilu mejjet hmistax-il sena u kif ezatt miet taghna dakinhar sabuhom il-karti! Issa sabuhom il-karti wara xahrejn mill-mewt. Skuzani imma kemm damet tfittxu l-garaxx ghax il-wirt haduh dawn kollu. Li kellha tiehu dik haditu u mhux imbilli bdiet tghajjar hawn u ssemmi d-djun u mhu veru xejn*. Ghall-mistoqsija in kontro-ezami *jigifieri inti taqbel mieghi li ma tafx però jekk thallsux jew le?* Charmaine Spiteri irrispondiet bla ezitazzjoni ta' xejn irrispondiet *da zgur li ma nafx*.

Apparte l-fatt li x-xhieda li taw kemm Maria Grazia Cauchi kif ukoll Charmaine Spiteri ma titfa ebda dwal fuq l-allegat pagament tad-dejn izda tohloq biss supposizzjonijiet ibbazati fuq it-trapass ta' zmien, il-Qorti tosserva li ma tressqet l-ebda prova li l-ipoteka specjali in kawtela tal-hlas tas-somma ta' Lm1,500 giet ikkancellata, liema prova certament hija ferm rilevanti ghall-posizzjoni ta' l-Intimati minkejja t-tentattiv taghhom li jippruvaw jimminimizzaw l-importanza ta' tali fatt.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk filwaqt li r-Rikorrenti rnexxielhom jistabilixxu b'mod sodisfacenti li t-titolu ezekuttiv mertu ta' dawn il-proceduri ghadu jiswa, l-Intimati ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodisfacenti li d-dejn thallas anzi din l-allegazzjoni taghhom baqghet appuntu mera allegazzjoni u xejn aktar.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-Qorti hija sodisfatta li r-Rikorrenti huma l-unici eredi tal-kreditur Joseph Schembri izda ghall-finijiet ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tosserva wkoll li ma ghandha l-ebda dubju – anke fid-dawl tal-fatt li mhux kontestat mill-Intimati – li l-Intimati huma l-eredi tad-debitur Louis Cauchi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li r-rekwiziti mehtiega fl-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ir-Rikorrenti jigu awtorizzati jesegwixxu t-titolu ezekuttiv taghhom *qua* eredi ta' Joseph Schembri fil-konfront ta' l-Intimati *qua* eredi ta' Louis Cauchi huma pjenament sodisfatti u ghaldaqstant tqis li l-istess Rikorrenti ghandhom, indipendentement minn kwalunkwe trapass ta' zmien o meno fir-rigward ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt mertu tal-proceduri, jigu debitament awtorizzati jesegwixxu t-titolu ezekuttiv taghhom fil-konfront ta' l-Intimati, liema titolu gie minnhom debitament rez esegwibbli a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti: (i) fl-ewwel lok u a tenur ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tornda li wara kull referenza ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-Rikors promotur jiziedu l-kliem "u l-Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta"; u (ii) a tenur ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza lir-Rikorrenti jesegwixxu t-titolu ezekuttiv taghhom, ossia l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard datat 17 ta' April 1991, minnhom debitament rez esegwibbli a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet, fil-konfront ta' l-Intimati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Intimati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------